**REGJUN XLOKK**
VALLETTA, BIRGU, ISLA, BORMLA, HAZ-ZABBAR, ZEJTUN, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL-TARXIEN, XGHAJRA.

## MINUTI

### Laqgħa tar-Regjun Xlokk

### Laqgħa Nru. 04/2018 tat-Tielet Amministrazzjoni

Data: 25 ta' Jannar 2018

Ħin: 17.30

Post: Ufficcju Amministrattivi tar-Regjun Xlokk, f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Chev Paul Farrugia** | President u Sindku | Reġjun Xlokk/Kunsill Lokali Tarxien | PREŻENTI |
| **Sur Lawrence Attard** | Kunsillier | Kunsill Lokali Birgu | PREŻENTI |
| **Sra. Alison Zerafa Civelli** | Sindku | Kunsill Lokali Bormla | PREŻENTI |
| **Sur Vincent Borg** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Floriana | PREŻENTI |
| **Sur Pierre Dalli** | Sindku | Kunsill Lokali Fgura | PREŻENTI |
| **Sur Clive Pulis** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Isla | SKUŻAT |
| **Sra Speranza Chircop** | Sindku | Kunsill Lokali Kalkara | PREŻENTI |
| **Sur Francis Debono** | Sindku | Kunsill Lokali Marsa | SKUŻAT |
| **Sur Horace Gauci** | Sindku | Kunsill Lokali M'xlokk | PREŻENTI |
| **Sur Charlot Mifsud** | Kunsillier | Kunsill Lokali M'skala | PREŻENTI |
| **Sur Domenic Grima** | Sindku | Kunsill Lokali Paola | ASSENTI |
| **Sur Vince Farrugia** | Kunsillier | Kunsill Lokali Valletta | ASSENTI |
| **Sur Anthony Valvo** | Sindku | Kunsill Lokali Xgħajra | PREŻENTI |
| **Sur Marc Vella Bonnici** | Sindku | Kunsill Lokali Zabbar | SKUZAT |
| **Sinj. M. Doris Abela** | Sindku | Kunsill lokali Zejtun | PREŻENTI |
| **Sna Antonella Galea** | A/Segretarju Eżekuttiv | | |

### AĠENDA

04.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

04.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

04.3 Komunikazzjoni mill-President;

04.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;

04.5 Rapporti;

04.6 Performance Bonus għas-sena 2017 :
- *A/Segretarju Eżekuttiv*
- *Reġistratur*
- *Assistent Reġistratur*
- *Assistent Skrivan*

04.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru. 75/2018;

04.8 Mozzjonijiet;

04.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**TALBA**
**Il-President qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 04.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijia

Ittri ta' Apoloġija

i. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kumitat Reġjonali li l-Kunsilli ta' Isla, Marsa, Xgħajra u Zabbar kienu avżaw sabiex jitolbu li jkunu skużati mil-laqgħa minħabba impenji oħra.

i.i Il-Kumitat Reġjonali Xlokk ħa nota u approva li l-Kunsilli ta' Isla, Marsa, Xgħajra u Zabbar jkunu skużati mil-laqgħa minħabba impenji oħra.

## 04.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Iffirmar Minuti

i. Peress li l-Minuti tal-Laqgħa ta' Diċembru numru 03/2017 kienu ġew iċċirkolati minn qabel, il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.

Il-Kumitat approva l-Minuti 03/2017, liema Minuti ġew iffirmati mill-President u mill-Agent Segretarju Eżekuttiv.

## 04.3 Komunikazzjoni mill-President

**i.** Il-President Paul Farrugia nforma lis-Sinjuri membri dwar il-każ tal-Ex Segretajru Eżekuttiv Joan Mangion. Qal li dan il-każ kien beda jinstema fil-QORTI nhar is-7 ta' Novembru 2017 fejn is-Sra Mangion kienet xehdet u tat il-verżjoni tagħha filwaqt li kienu leħqu xehdu wkoll is-Sur Anthony Valvo Sindku tax-Xgħajra kif ukoll s-Sur Adrian Mifsud Direttur DLG. Żied jispjega l-President li din il-kawża kienet ġiet differita għat-30 ta' Jannar 2018. Każ Ex Seg. Eżek. Joan Mangion

**ii.** Il-President nforma lill-Kumitat li l-LESA ma kenitx qed tħallas ir-*running costs* imma kienu qed jirrifondu biss is-salarji tal-impjegati. Żied jispjega li din is-sitwazzjoni kien ressaqha fl-AKL sabiex tiġi diskussa anke min-naħa tagħhom. LESA

**iii.** Il-President nforma lill-Kumitat li l-Bord li kien kompost mis-Sur Anthony valvo, mis-Sur Horace Gauci u mis-Sinjura Alison Zerafa Civelli, flimkienmieħgu bħala ċ-Chairman u s-Seg. Eek. kien iltaqa' sabiex jsir l-Aġġudikar tat-tlett tenders li l-Kumitat Reġjonali Xlokk kellu miftugħa. Tenders

iii.i Żied jispjega li għat- tender tal-EU Consultant kienet intefgħet offerta waħda li kienet dik ta' Heritage Enterprise LTD għall-valur ta' €12 il-siegħa. Hawnhekk il-Kumitat unanimament qabel li tiġi milqugħa l-offerta ta' Heritage Enterpise LTD għall-valur ta' €12 il-siegħa. EU Consultant Tender

iii.ii Filwaqt li għat-tender tal-perit għall-proġett ta' reach out centre kienu intefgħu ħames offerti li kienu :- Perit għall-proġett Reach Out Centre

- MADE STUDIO - €31,525.00
- SAMUEL FORMOSA - €56,062.50
- ARC STUDIO - €60,156.30
- DYNAMIC - €63,715.00
- DESIGN & TECHNICAL - €83,435.00

Hawnhekk il-Kumitat unanimament qabel li tiġi magħzula l-offerta ta' MADE STUDIO għall-valur ta' €31,525,00

iii.iii Sadanittant il-President żied li kienet intefgħet offerta waħda biss għall-ipplikar tal-Ktieb mingħand GUTENBERG PRESS LTD għall-valur ta' €79,500 VAT eskluż. Il-Kumitat Reġjonali Xlokk unanimament approva li din l-offerta tiġi aġġudikata lill-GUTENBERG PRESS LTD għall-valur ta' €79,500 VAT eskluż. Tender Publikazzjoni Ktieb

**iii.iii.i** Il-President żied jinforma lill-Kumitat, li rigward dan it-tender tal-pubblikazzjoni tal-ktieb ir-Reġjun Xlokk kien ser jibbenefika mis-somma ta; €53,000 li kienu ser jiġu mgħoddija mil-LESA.

**iv.** Il-President Paul Farrugia nforma lill-Kumitat li l-ħaddiema assenjati mar-Reġjun Xlokk kienu ser ikunu mqassma kif ġej :- Ħaddiema assenjati mal-Kunsilli Lokali

- Bormla sal-aħħar ta' Jannar
- M'xlokk sal-ahhar ta' Frar
- Kalkara u Fgura għal Marzu
- Furjana għall-ewwel ġimgħa ta' April

**iv.i.** Il-President talab lill-Kumitat sabiex min ikollu bżonn il-ħaddiema tar-Reġjun kellu jibgħat email sabiex b'hekk kien seta jfassal programm.

**v.** Il-President Paul Farrugia spjega li kienu għadom għaddejjin bil-proġett tal-URBACT. Dawn il-laqgħat kienu qed isiru f'kull pajjiż li jipparteċipa fil-proġett. Il-President qal li hu kien lest li jibgħat biss lil min jipparteċipa fil-laqgħat tar-Reġjun għal dawn il-laqgħat. Nforma lis-Sinjuri Membri li l-laqgħa li kien imiss kienet ser issir f'Morne-A-L'Eau bejn it-3 u l-11 ta' Frar 2018 u li għalija din id-darba kienu ser jattendu s-Sur Horace Gauci u s-Sur Lorry Attard. URBACT

vi. Il-President nforma lill-Kumitat li bejn is-27 u 29 ta' Jannar kien hemm ukoll l-ewwel laqgħa dwar il-Proġett ta' Erasmus Plus pero żied jgħid li peress li ż-żmien ħabat wisq viċin anke ħabba l-preparamenti neċessarji għal din id-darba konna ser inħalluwa. Erasmus Plus

**vii.** Il-President informa lill-Kumitat li fir-rigward tal-inizjattiva finanzjarja ta' €500,000 li kellha tinqasam bejn il-ħames Reġjuni dwar għoti mill-ġdid ta' tarmak lill-toroq fir-responsabbilta' tal-Kunsilli Lokali, kuntrarju għal dak li kien infurmahom fil-laqgħat preċedenti, jidher li d-Dipartiment Gvern Lokali kien xorta waħda għadda madwar €100,000 fil-kont bankarju tar-Reġjun Xlokk u għaldaqstant kienu ser jibbenefikaw huma wkoll minn dawn il-fondi. Inizjattiva Finanzjarja – Għoti ta' Tarmak

vii.i Il-President hawnhekk talab lis-Sinjuri Membri sabiex sa laqgħa oħra li kien imiss f'Jannar 2018 jew massimu sal-aħħar jum tal-istess xahar kellhom jitressqu tal-inqas il-BoQs. Żied jispjega l-President li l-BoQs kellhom ikunu koperti minn kuntratt b'tender relatat ma' xogħol ta' tarmak u mhux b'direct order fejn il-Kunsill ikun qed jikser il-liġi finanzjarja tal-Kunsilli Lokali għalhekk jekk kien ser jiġri hekk, tali BoQs ma kenux ser jiġu aċċettati.

## 04.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;

**i.** Is-Sindku ta' Bormla, nfurmat lill-Kumitat Reġjonali Xlokk li fir-rigward tal-proposta mill-Kumitat tal-Karnival sabiex il-Kunsilli tal-Kottonera flimkien ma' dak tal-Kalkara jorganizzaw il-Karnival nhar l-4 ta' Frar 2018, kienu ġew infurmati li l-spejjeż involuti kienu ser jinħarġu mill-Kunsill Nazzjonali tal-Karnival. Żedet tgħid is-Sinjura Zerafa Civelli li l-unika diffikulta' dehret l kienet mal-baned u dan għall-fatt li dawn kienu qed jitolbu kumpens ta' €1500 filwaqt li l-Kunsill Nazzjonali tal-Karnival kienu lesti li jħallsu €1300 u għaldaqstant id-differenza kellha tinħareġ mill-Kunsilli Lokali involuti. Proposta mill-Kumitat tal-karnival

i.i Hawnhekk is-Sur Lawrence Attard, Kunsillier il-Birgu talab sabiex r-Reġjun Xlokk jikkonsidra li jħallas id-diskrepanza ta' €200 li trid tingħata lill-baned. Il-President talab sabiex it-tlett Kunsilli invouti jiktbu ufficcjalment u jitolbu li r-Reġjun jagħmel tajjeb għal dawn il-€200.

**ii.** Il-membri preżenti mill-Kunsilli tal-Kottonera u tal-Kalkara nformaw lill-Kumitat li kienet saret laqgħa bis-suġġett ikun l-aspett soċjali fil-Kottonera. Din il-laqgħa saret nhar it-18 ta Jannar 2018 u li għaliha fost oħrajn kien hemm preżenti Membri Parlamentari taż-żewġ partiti. Laqgħa Kottonera

**04.5 Rapporti**

**i.** Ma kienx hemm rapporti biex jiġu mgħoddija fil-laqgħa.

**04.6 Performance Bonus għas-sena 2017 :** Performance Bonus għas-sena 2017

- ***A/Segretarju Eżekuttiv***
- ***Reġistratur***
- ***Assistent Reġistratur***
- ***Assistent Skrivan***

**i.** Il-Kumitat talab lis-A/Seg. Eżek. sabiex tressaq is-suġġeriment tagħha dwar il-persentaġġi ta' kull impjegat. L-A/ Seg. Eżek. qalet li hija kienet qed tissuġġerixxi li kull impjegat jingħata l-massimu.

**i.i.** Il-Kumitat unanimament qabel li r-*Reġistratur, l-Assistent Reġistratur, u l-Assistent Skrivan* kollha jingħataw kull wieħed 6% performance bonus għas-sena 2017.

**i.ii.** Fir-rigward tal-performance bonus tal-A/-Seg. Eżek. il-President ippropona li din tingħata il-massimu jiġifieri 10%.

**i.iii.** Is-Seg. Eżek. irringrazzjat lill-Kunsill kemm għall-fiduċja tagħhom fiha kif ukoll rringrazzjat lill-Kunsill f'isem it-tlett impjegati tal-Kunsill. Il-Kumitat unanimament qabel li l-A/Seg. Eżek. tingħata l-massimu jiġifieri 10%.

**04.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 75/2018;**

i. L-Iskeda tal-Pagamenti 75/2018 giet approvata u giet iffirmata wkoll minn żewġ membri tal-Kumitat, mill-President u mill-A/Segretarju Eżekuttiv.

ii. Il-President informa lill-Kumitat li kienu għadhom qed jinħarġu u jintbgħatu xi pagamenti nkluż l-10% tal-LES dovuti lill-Kunsilli Lokali. Il-Kumitat preżenti unanimament approva li jinħarġu u jintbgħatu dawn il-pagamenti speċjalment l-10% dovuti lill-Kunsilli Lokali.

**04.8 Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**04.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

i. Il-laqgħa ntemmet fi 19:00hrs

ii. Laqgħa oħra kienet ser tinżamm nhar **il-Ħamis 22 ta’ FRAR 2018 fil-5.30pm**

(IFFIRMATA)

*Kav. Paul Farrugia*
*President*

(IFFIRMATA)

*Antonella Galea*
*A/ Seg. Eżek*